Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Michael Bonett

Vs

Olimpus Music Ltd

CCT 16/25/MM

Illum, 24 ta' Ġunju 2025

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrent ipprezentat fl-24 ta' Jannar 2025 fejn talab is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) mingħand is-soċjeta' intimata rappreżentanti l-prezz ta' tiswija ta' kitarra.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti huwa klijent tas-soċjeta' intimata u tul iż-żmien kien ħa tlettax (13) il-strument mużikali għat-tiswija jew manutenzjoni. Illi ġara li din id-darba, wara li s-soċjeta intimata għamlet it-tiswijiet u restawrazzjoni fuq instrument ossia *G&L Vintge Guitar – Legacy, Serial numberL 66035190* u bagħtet it-talba għall-ħlas lir-rikorrenti, ir-rikorrenti deherlu li l-kont kien wieħed eċċessiv u ma riedx li jħallas dak l-ammont mitlub. Illi r-rikorrenti insista li huwa kellu jingħata *quotation* għall-approvazzjoni tiegħu qabel ma jsir ix-xogħol u jekk ix-xpgħol kien se jvarja mill-iskop oriġinali, mela allura, is-soċjeta'

intimata kellha obbligu li toħroġ *quotaiton* aġġornata għall-approvazzjoni tiegħu qabel ma jkomplu x-xogħol.

Illi s-soċjeta' intimata irrispondiet u qalet li hija ħadmet u wettqet ix-xogħol kollu bl-approvazzjoni verbali tar-rikorrent. Illi s-soċjeta' intimata preżentat dokument b'numru ta' ritratti sabiex tispjega x-xogħol li għamlet. Illi meta deherilha li kien se jinbidel l-iskop oriġinali kienet kellmet lir-rikorrent biex tavaż li l-istima oriġinali kieent se tvarja u r-rikorrenti ma kienx oġġezzjoni jew qajjem xi eċċezzjoni għax-xogħol addizzjonali li kien hemm bżonn isir biex il-proġett ta' restawrazzjoni jintemm b'suċċess.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-*

provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal haseb fit-tul fuq din il-kwistjoni u jidhirlu li n-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet huwa dovut għan-nuqqas ta' għarfien da parti tar-rikorrenti tar-regolamenti li jolqtu lill-konsumatur. Illi fil-każ odjern huwa ferm evidenti u anki kif jingħad fir-risposta tas-soċjeta' intimata, li x-xogħol sar a bażi ta' stima (estimate) u mhux *quotaiton.*
Minn dak li jirriżulta, ma hemm l-ebda prova li saret kwotazzjoni bil-miktub b'prezz fiss. Għaldaqstant, il-ftehim għandu jitqies bħala stima u mhux bħala kwotazzjoni vinkolanti.

Illi atima hija prezz indikattiv li jista' jinbidel skont l-iżvilupp tax-xogħol, speċjalment meta jiġu skoperti problemi jew bżonnijiet mhux previsti meta l-istrument jiġi miftuħ jew ivverifikat. Dan huwa komuni fil-każ ta' tiswijiet u xogħol tekniku. Mill-provi jirriżulta li s-soċjeta' intimata informat lill-klijent matul il-proċess kollu tax-xogħol, u li dan tal-aħħar kien involut f'kull stadju. Dan jissodisfa l-obbligu tal-kummerċjant li jinforma lill-konsumatur meta l-prezz finali jista' jaqbeż dak inizjalment indikattiv.
Illi l-fatt li l-klijent diġà kellu esperjenza simili fil-passat, b'numru sostanzjali ta' kitarri rranġati għand is-soċjeta' initmata, hija indikazzjoni ċara li kien konxju tan-natura tal-arranġament u tal-proċess u tagħti kredibillita' lis-soċjeta' intimata meta tiddikjara li kien hemm kuntatt kontinwu mar-rikorrent u li kien infurmat bil-bidla fil-prezz oriġinali.
Illi f'każ fejn ma ssirx kwotazzjoni bil-miktub, u fejn il-prezz finali jiġi aġġustat wara li l-klijent ikun ġie informalment infurmat u ma oġġezzjonax, il-konsumatur m'għandux dritt jirrifjuta l-ħlas. Jekk il-konsumatur ma talabx prezz fiss, u jekk il-fornitur żamm lill-klijent infurmat b'kull bidla fil-firxa tax-xogħol, ma hemmx bażi biex jingħad li l-kont huwa "għoli żżejjed" jew "mhux aċċettabbli". Illi anki fuq dan l-aspett, minkejja li r-rikorrent ppreżenta xi opinjonijiet mingħand terzi dwar il-prezz, it-Tribunal ma jistax jieħu konjizzjoni tagħhom stante li dawn it-terzi ma ntalbux jixhdu bil-ġurament.

Illi t-Tribunal ra l-ispjegazzjoni tal-proċess li sar matul ir-restorazzjoni u jidhirlu li l-ammont finali jirrifletti l-ħidma li saret tul ġimgħatejn u għalhekk il-prezz mitlub mhuwiex manifestament sproporzjonat jew manifestament mhux raġonevoli.

Illi għalhekk dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, il-verżjoni tas-soċjeta' intimata hija iktar verosimili jew plawsibbli u għalhekk ir-rikorrent ma rnexxilux jissodisfa l-oneru tal prova illi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet mill-preponderanza tal-provi juru li l-ammont pretiż mis-soċjeta' intimata m'huwiex raġonevoli, legali u dovut.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, it-Tribunal jikkonkludi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Decide

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiddeċiedi l-kawża u wara Ii qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Avv. Dr Martha Mifsud
Arbitru